MALTA

# CRIMINAL COURT

## MAGISTRATE DR.
## LAURENCE QUINTANO

Sitting of the 21 st August, 2003

Number 700/2003

Illum il-Hamis 21 ta' Awissu, 2003

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Aimen S R Nazer ta' 24 sena iben ..... u ......, mwieled Tripli, fit-27 ta' Marzu 1979 residenti l-Libja u dedentur tan-numru tal-Passaport Libjan Numru 181557.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-valur mizjud kien akkuzat talli fid-19 ta' Awissu 2003 fil-ghodu ma' l-wasla tieghu minn Tripoli fuq il-bastiment MV Marwa xjentement naqqas li jiddikjara lill-Ufficcjal tad-Dwana xadina maghrufa bhala Green Monkey liema mportazzjoni ta' l-animal imsemmi hija projbita u/jew ristretta. Din ghandha valur ta' Lm250 u dazju xejn u li fuqha kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud liema taxxa tammonta ghal Lm37 u hamsin centezmu (Lm37.50c) liema dazju u taxxa ma gewx imhallsa jew ikawtellati u dan bi ksur ta' l-artikoli 60 a, b, c, k; l-atikoli 62 a, b, c, f, g, h, i, k, ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u bi ksur ta' l-artiklu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-valur mizjud (Att Nru. 23 ta' l-1998).

Illi kien akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi mporta speci protetti mhux skond kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mghedda ta' Fawna u Flora Selvagga, Washington 1973.

U aktar talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi mporta xi ezemplari minghajr ma applika ma' Awtorita' Amministrattiva bil-miktub fuq formola ghalhekk mhejjihja mill-istess Awtorita' u naqqas li jipproduci dawk il-permessi jew certifikati li jistghu jinhtiegu mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mghedda ta' Fawna u Flora Selvagga, Washington 1973. U aktar talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi ma kellux formoli, permessi u certifikati skond kif titlob il-Konvenzjoni.

U aktar talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi mporta xi speci li tkun protetta fil-pajjiz mnejn torigina, ukoll jekk ma tkunx inkluza tit-tieni u t-tielet skeda li jinstab ma' dawn ir-regolamenti wkoll jekk dak il-pajjiz mnejn torigina ma jkunx acceda l-Konvenzjoni tkun mehtiega licenzja ta' esportazzjoni minn dak il-pajjiz mnejn torigina.

U aktar talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi bhal persuna li kellu fil-pussess tieghu xi ezemplari li l-importazzjoni tieghu taqa' taht dawn ir-regolamenti naqqas li jzomm fil-pussess tieghu kull permess, certifikat u licenzja li jkollhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dawk l-ezemplari.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi giel animal isofri ugih, tbattija jew dwejjaq minghar bzonn.

Il-Qorti semghet lill-porsekuzzjoni tikkonferma bil-gurament l-imputazzjonijiet. Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza u registrat din l-ammissjoni. Wara li tat lill-imputat zmien bizzejjed biex jahsibha kif titlob il-Ligi l-imputat baqa' bl-istess fehma li jammetti (wara li fil-jum ta' qabel kien biddel din il-fehma).

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-Difiza. Wara li rat l-Artikoli 60 a, b, c, k; l-atikoli 62 a, b, c, f, g, h, k, tal-Kap 37 u l-artiklu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-valur mizjud (Att Nru. 23 ta' l-1998); l-artikoli 6 u 9 (2) ta' l-avviz legali 19 ta' l-1992 u l-artiklu 17 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' ksur ta' dawn l-artikoli.

Ikkunsidrat illi:

(a) illi l-imputat ametta l-imputazzjonijiet fi stadju kmieni hafna tal-proceduri

(b) illi l-Qorti trid taghti messagg car lis-socjeta' li d-dhul ta' l-animali minghajr il-licenzja necessarja jista' jkun kagun ta' mard serju fl-animali li jkun hawn f'Malta stess u jista' jgib danni serju lill-bniedem ukoll barra spejjes .... ghall-mard illi jkun ikkagunat

(c) illi pajjiz li jintrabat b'Konvenzjonijiet Internazzjonali li jhares animali li ghandhom bzonn protezzjoni ma jistax jiehu l-importazzjoni taghhom bla premess b'mod legger. Huwa mizura ta' kemm pajjiz ghandu jittiehed bis-serjeta' fil-qasam internazzjonali il-mod li bih ihares b'mod effettiv dak li ntrabat illi segwi

(d) illi l-Qorti semghet il-prosekuttur jiddeskrivi trattament tal-green monkey u thoss li dan huwa trattament krudil. .... .... d-Difensur ta' l-imputat talab lill-Qorti biex tara d-differenza bejn krudilta' apposta bhal glied ta' klieb u t-trattament tal-green monkey minhabba li kien se jimportah ma kellux il-.... li jahqar lill-animal.

Il-Qorti taccetta parti biss minn din it-tesi jigifieri li tidistingwi bejn glied jew sahansitra tqattih ta' bicciet minn animal u l-importazzjoni tieghu. M'hiex ser taghti l-ebda messagg lis-socjeta' li wiehed jahqar animal biex jimportah. Ghal din il-Qorti l-..... rikjesta mill-ligi xorta tezisti u jekk nirragunaw b'mod iehor nkunu qed naghtu card blanche' lil kull min jimporta b'mod illegali illi l-Qorti mhux ser isibu hati ta' mohqrija ghax jonqos l-element formali. Dan din il-Qorti m'hiex ser taghmlu anzi l-messagg taghha ser ikun car hafna "tipprovax timporta animali kontra l-Ligi ghax il-konsegwenzi jistghu jkunu serji."

Meta l-Qorti qieset kollox qed taghti dawn il-pieni illi qed taghmilhom wahda wahda:

(a) il-konfiska tal-Green Monkey favur il-Gvern ta' Malta

(b) multa ta' mitejn u tnax-il lira maltin u hamsin centezmu (Lm212.50c) minhabba ksur tal-ligi tal-VAT

(c) minhabba l-ko-operazzjoni ta' l-imputat multa minima ta' mitejn lira maltija (Lm200) l-piena possibbli bi ksur tar-regolament 19 ta' l-1992 ara regolamenti 6 u 9 (2) ta' dawn ir-regolamenti

(d) ghal dak li jirrigwarda l-ksur ta' l-artikoli 2, 8 u 45 ta' l-Att 25 tas-sena 2001 jigifieri dwar il-Harsien ta' l-Animali piena ta' disghat ijiem prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghada taht arrest preventiv

(e) skwalifika ghall-sena minn kull licenzja li tista' tohrog taht ir-regolamenti ta' l-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora

(f) f'kaz li l-multi ma jithallsux dawn jinbiddlu fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hames liri.

Ghal kull bon fini l-Qorti qed tiddikjara li l-pieni minimi ghandhom jisodisfaw l-artiklu 17 tal-Kap 9.

**MAGISTRAT**

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------